# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Jessica Grima

Illum 21 ta'Ottubru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront Jessica Grima, bint Angelo u Maria Dolores nee Gauci, imwielda fil-29/03/1994 u toqghod 79, Solandra, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha. ID 155794M.

Billi int akkuzat talli fl-04 ta' Novembru, 2017 ghall-habta ta' 07.15 hrs f`Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni JES 394;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna, ta` Sara Troina bil-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Cassar MD u / jew diversi tobba mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol u 226(1)(a ) u 218  Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li gie ezebit il-Process Verbal fit-12 ta Lulju 2022 u l-hatra tal-esperti giet ikkonfermata flistess data.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ps 1301 Bonello u PS 312 Joseph Sultana Tabib Karl Cutajar u Viktor Ivan Cassar** xehdu opermess ta' affidavit.

L-espert Mario Scerri elabora dwar ir-rapport tieghu fis-27 ta Mejju 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi ma gietx ippruvata l-imputazzjoni fil-konfront ta' Jessica Grima u cioe' "beyond a reasonable doubt".  Inoltre jigi sottolinjat li dawn huma procedure sommarji  P vs Simon Vsassallo (per Imh Aaron Bugeja 25/2/21 li iccita P vs Peter Sammut per Prim Imhallef

Emeritus Vincent De Gaetano ) fejn jinghad li din it-tip ta' kawza "trid titmxxa b'speditezza".

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1)(a ) u 218 Kap 9 l-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Jessica Grima hatja tal-imputazzjonjiet fil-konfront taghha u tillibera minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**